# IL-KAROZZA TAL-LINJA

Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT,**
**L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

Transport Malta

ta' Laura Galea,
Assistant Manager Sustainability & EU Affairs,
L-Awtorità għat-Trasport f'Malta



Is-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta beda fis sena 1905 meta ċertu Mr Spiller kien mogħti liċenzja sabiex jimporta l-ewwel sitt karozzi tal-linja sabiex joperaw bejn il-Belt Valletta u St Andrew's (parti minn Pembroke). F'dak iż-żmien numru ta' imprendituri Maltin akkwistaw numru ta' trakkijiet u kkonvertewhom f'karozzi tal-linja. Fi ftit żmien is-servizz espanda f'numru ta' villaġġi u bliet f'Malta. Matul iż-żmien is-servizz baqa' jiżviluppa u sal-2011 dawn il-karozzi tal-linja kienu ħafna drabi l-propjetà tas-sewwieq tagħhom. Apparti grad għoli ta' personalizzazzjoni, dettalji u dekorazzjoni, bosta mill-karozzi tal-linja ta' Malta kellhom ukoll dehra unika, minħabba manutenzjoni estensiva, bini mill-ġdid jew modifika tal-bodies tal-karozzi tal-linja f'workshops lokali.

Bħala l-mezz ewlieni tat-trasport pubbliku madwar il-pajjiż ix-xarabank ta' Malta kienet tintuża wkoll minn ħafna turisti biex iżuru partijiet differenti tal-pajjiż. Filwaqt li maż-żmien dejjem ġew introdotti mudelli ġodda ta' karozzi tal-linja biex ilaħħqu mal-bżonnijiet u l-istandards tal-konsumatur ta' dak iż-żmien, il-personalizzazzjoni u d-dettalji kienu komplew għal dawn il-karozzi tal-linja wkoll. Fis-snin tletin il-karozzi tal-linja kienu miżbugħin b'kuluri differenti skont ir-rotta li kienu joperaw fiha, pereżempju blu għar-rotta tar-Rabat u aħmar għar-rotta ta' Birkirkara. Fl-1975 il-karozzi tal-linja nżebgħu ħodor, u mill-1995 il-vetturi nżebgħu bil-kuluri isfar (in-naħa t'isfel) u abjad (in-naħa ta' fuq), b'faxxa ħamra eżatt taħt it-tieqa. Il-karozzi tal-linja t'Għawdex kienu griżi b'faxxa ħamra taħt it-tieqa.

Fis-snin għoxrin it-tħaddim tal-karozzi tal-linja fuq rotot tat-trasport pubbliku kien suġġett għal kompetizzjoni miftuħa bejn l-operaturi. Fl-1931 ġie ffurmat il-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku. Dan għen biex ikun hemm aktar regolamentazzjoni u dixxiplina fis-sistema. Dan fisser li l-operaturi bdew jaġġornaw id-dehra tal-karozzi tal-linja tagħhom, u minn dakinhar inżammet tradizzjoni li turi kburija fil-vetturi, permezz tad-dekorazzjoni u l-personalizzazzjoni tal-karozzi tal-linja. Fis-snin sebgħin l-operat tal-karozzi tal-linja kien ċentralizzat taħt koperattiva tal-ħaddiema: l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, jew l-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku (ATP), fl-1977. Din l-assoċjazzjoni kienet responsabbli għat-tħaddim operattiv ċentralizzat ta' kuljum tas-servizzi tal-karozzi tal-linja, u pproduċiet skeda waħda tar-rotot. Għalkemm dan ma biddilx l-arranġamenti tas-sidien tal-karozzi tal-linja, is-sistema ġenerali tat-trasport kienet regolata taħt l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta (ADT).

Fit-3 ta' Lulju 2011 in-network ta' rotot tal-linja tas-servizz madwar Malta beda jiġi operat mill-kumpanija Arriva. Dan kien ifisser li l-karozzi tal-linja tradizzjonali ma tantx baqgħu jidhru fit-toroq tagħna. Fl-2015 is-servizz beda jiġi operat mill-Malta Public Transport, li investiet b'mod estensiv biex timmodernizza l-flotta tal-karozzi tal-linja tagħha biex tagħmilhom aktar siguri, aktar favur l-ambjent u aktar komdi. Il-kumpanija investiet f'200 xarabank ġdida bl-aħħar teknoloġija diesel Euro 6. Il-karozzi tal-linja jitnaddfu u jinżammu regolarment, u huma mgħammra b'sistemi ta' arja kundizzjonata għal aktar kumdità. Il-karozzi tal-linja l-ġodda kollha għandhom żewġ bibien, biex jiffaċilitaw it-tlugħ u l-inżul tal-passiġġieri.

Fis-sajf tal-2015 il-kumpanija introduċiet it-Tallinja Card, li pprovdiet tariffi orħos u aċċess aktar mgħaġġel lir-residenti Maltin. Sal-aħħar tal-2021 kien hemm aktar minn 400,000 individwu li kellhom it-Tallinja Card personalizzata. Bejn l-2011 u l-2019 in-numru ta' passiġġiera żdied sena wara l-oħra, biż-żieda tkun ta' 73%. Fl-1 ta' Ottubru li għadda s-servizz tal-linja sar b'xejn għal kull persuna li għandha t-Tallinja Card personalizzata. Dan huwa inċentiv biex aktar nies jibdew jużaw il-karozza tal-linja, u b'hekk inkunu qegħdin ngħinu biex innaqqsu t-tniġġis tal-arja u t-traffiku mit-toroq tagħna. Il-ftit ta' kulħadd flimkien jista' jagħmel differenza kbira fil-kwalità tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna.

